MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2015

Citazzjoni Numru. 24/2012

**A B f'isimha personali kif ukoll ghan-nom**

**u in rapprezentanza ta' bintha l-minuri C D**

**vs**

**E D**

**Il-Qorti,**

**PREAMBOLU.**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-kontendenti, li ma humiex mizzewga, huma l-genituri rispettivi tal-minuri C D, li twieldet fis-19 ta' April 2006.

2. Illi kien bis-sahha ta' sentenza ta' dina l-Qorti datata 8 ta' Gunju 2010 fl-ismijiet E D vs A B (256/2009 NC) li l-konvenut E D gie rikonoxxut bhala l-missier naturali ta' l-minorenni.

3. Illi nzammu proceduri ta' medjazzjoni bejn il-kontendenti (518/2010GG) dwar varji aspetti koncernanti l-minuri Kayliegh D, liema proceduri ta' medjazzjoni gew maghluqa fis-6 ta' Dicembru 2011.

4. Illi l-esponenti giet akkordata l-kura l-kustodja pendente lite tal-minorenni.

5. Illi huwa mehtieg li l-kura u l-kustodja tal-minorenni tigi fdata f'mod permanenti lill-esponenti, kif ukoll li tigi ffissata retta alimentarja xierqa li ghandha tigi mhallsa minn l-konvenut E D fl-interess tal-istess minuri.

Jghid ghalhekk l-konvenut ghaliex ma ghandiex dina l-Onorabbli Qorti in vista tal-premess:

1. Tafda li takkorda l-kura u l-kustodja tal-minorenni Kayliegh D lill-esponenti;

2. Tiffissa retta alimentarja xierqa li ghandha tigi imhallsa lilha mill-konvenut fl-interess tal-minorenni Kayliegh D

Bl-ispejjes kontra l-konvenut li huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li taqra kif gej:-

1. Illi huwa minnu li l-kontendenti kienu f’relazzjoni li minnha twieldet il-rninuri C D li twieldet fid-19 ta' April 2006;

2. Illi huwa minnu li kellha tkun din l-Onorabbli Qorti fuq talba ta' l-istess esponenti li tiddeciedi li l-esponenti kien missier il-minuri C D fil-kawza datata 8 ta' Gunju 2010 fl-ismijiet E D vs A B (25612009 NC), u din kellha ssir stante li kien hemm opposizzjoni qawwija min-naha tar-rikorrenti;

3. Illi l-kura u kustodja tal-minuri m'ghandhiex tkun fdata f'idejn l-attrici biss u dan hu kaz li ghandha tkun wahda kongunta b'dan li l-minuri tkun tirrisjedi b'mod regolari ma' l-omm;

4. Illi konsegwentement din il-Qorti ghandha tiddetermina u tiffissa, l-hinijiet tad-dritt ta' access ghall-esponenti, wara li tikkunsidra l-esigenzi ta' l-istess minuri u l-hinijiet tax-xoghol ta' l-esponenti;

5. Illi in kwantu ghar-retta alimentarja dovuta lill-minuri Kayliegh, din il-Qorti ghandha tiddetermina kemm ghandhom jikkontribwixxu z-zewg partijiet u mhux l-esponenti biss u dan wara li l-Qorti tikkunsidra u tiddetermina min ikun qed jiehu hsieb il-minuri u l-bzonnijiet kollha ta' l-istess minuri u l-qliegh taz-zewg kontendenti;

Bl-ispejjez kontra l-attrici rikorrenti li qed tigi minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta` A B pro et noe tas-26 t`April 2012 li permezz taghha ipprezentat l-affidavits ta` Hector B u Maria Concetta B. [1]

Rat in-nota ta` A B tat-8 ta` Mejju 2012 li permezz taghha ipprezentat l-affidavit taghha stess.[2]

Rat in-nota ta` A B pro et noe tat-30 ta' Ottubru 2012 li permezz taghha ipprezentat prospett guramentat indikanti l-introjtu taghha ghas-snin 2010,2011 u 2012.[3]

Rat l-atti tal-medjazzjoni ta' bejn il-partijiet li antecedew il-kawza odjerna. Mill-atti imsemmi jirrizulta illi b'digriet tal-14 ta` Novembru 2011 il-kura u kustodja pendente lite giet affidata lill-omm b`dan li decizjonijiet important dwar is-sahha u edukazzjoni tal-minuri jittiehdu konguntivament; l-konvenut inghata dritt ta` access pendente lite skond l-iskeda presentata minnu Dok. DS1 izda hu ghandu l-obbligu jiehu t-tifel ghall-iscouts nhar ta` Sibt; u

[1] ***Fol.13***

[2] ***Fol.26***
[3] ***Fol.115***

tordna li l-konvenut ihallas lir-rikorrenti manteniment ghall-minuri fl-ammont ta` € 120 kull erba` gimghat u nofs l-ispejjez medici u edukattivi.[4]

Rat ir-rikors ta` E D tal-20 ta` Novembru 2012 fejn talab li l-Qorti tordna li pendente lite (i) l-esponenti jkollu access ghall-minuri C D darbtejn fil-gimgha u cioe` it-Tlieta jew l-Erbgha mill-4.00p.m. sas-7.00p.m. u darba s-Sibt jew il-Hadd mid-9.00a.m. sa l-4.00p.m. b`dan li l-esponenti jaghti time-table ta` xahrejn lill-konvenuta tad-drabi meta jkun jista' jezercita tali access kull xahrejn.[5]

Rat ir-risposta ta` A B tat-30 ta` Novembru 2012 ghar-rikors prezentat minn E D fl-20 ta` Novembru 2012[6].

Rat id-digriet moghti fl-udjenza tat-12 ta' Frar 2013 li permezz tieghu l-Qorti ordnat lill-konvenut sabiex regolarment jaghti lill-attrici "pre-avviz dwar il-hinijiet illi hu jkun jista' jezercita l-access tenut kont tal-impenji tax-xoghol tieghu.[7]

Rat in-nota ta` A B pro et noe li permezz taghha qeghda tipprezenta zewg rapporti tal-Pulizija datati 10 ta` Dicembru 2011 u 1 t`Ottubru 2012 rispettivament.[8]

Rat in-Nota tal-konvenut li biha fis-seduta tal-15 ta` Mejju 2013 quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr.Kenneth Gulia ippresentat Dok. DS1 Affidavit tieghu ; Dok. DS2 Affidavit ta` Dolores D, omm il-konvenut u Doks. DS3 sa DS 18 dokumenti ohra elenkati u esebiti mal-imsemmija nota tal-konvenut.[9].

Rat in-nota ta` A B li biha fis-seduta quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr Kenneth Gulia tas-26 ta` Novembru 2013 ipprezentat d-dokumenti elenkati fl-istess nota.[10]

---

[4] Fol. 149
[5] Fol. 187
[6] Fol. 190
[7] Fol. 170
[8] Fol. 161
[9] Fol. 195 et seq
[10] Fols. 291 u 292 et seq

Rat ir-rikors ta` E D tas-16 ta` Ottubru 2013 fejn l-istess E D talab li l-Qorti tordna li l-atti tal-kawza hawn fuq citata (viz.nru.256/2009) quddiem din Qorti kif diversament preseduta u deciza fit-8 ta` Gunju 2010 jigu allegati mal-process odjern.[11] **.**

Rat id-digriet taghha tat-18 ta' Ottubru 2013 li permezz tieghu laqghet it-talba u ordnat l-allegazzjoni tal-atti tal-kawza imsemmija. [12]. Precedentement il-Qorti kienet ukoll ordnat l-allegazzjoni tal-atti tal-medjazzjoni.

Rat il-verbali bix-xhieda moghtija quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr Kenneth Gulia fis-seduti mizmuma minnu.

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet tal-partijiet.

Rat l-atti.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

**<u>IL-KURA u KUSTODJA TAL-MINURI</u>**

Fl-ewwel talba taghha r-rikorrenti A B qed titlob li hija tigi fdata u akkordata l-kura u l-kustodja tal-minuri C D ad eskluzzjoni tal-konvenut. Il-konvenut jikkontendi illi l-kura u kustodja ghandha tkun wahda kongunta ghaliex ma kkommetta l-ebda nuqqas li ghandu jwassal ghat-telfien min-naha tieghu ghall-kura u kustodja fuq bintu.

Mill-atti jirrizulta li C D twieldet fis-19 ta` April 2006 u ghalhekk llum il-gurnata hija ghandha disa` snin.

---

[11] Fol, 304
[12] Fol. 305

Il-kontendenti ma humiex mizzewga. Jirrizulta illi r-relazzjoni ta’ bejn il-partijiet kienet wahda mimlija kuntrasti sa mill-bidunett taghha sew qabel kif ukoll wara li twieldet il-minuri. Ftit ghamlu jghixu flimkien u l-ftit zmien li ghexu flimkien kien interrott minn perjodi l’ boghod minn xulxin.

Tista’ tghid li n-nuqqas ta’ qbil bejn il-partijiet beda mill-ewwel jum tat-twelid tat-tifla. L-attrici ssostni li l-konvenut ma kienx juri nteress meta hija kienet tqila bil-minuri. Il-konvenut jikkontendi li kienet l-attrici li kienet tohloq diffikultajiet.

Meta twieldet it-tifla l-attrici marret tirregistra lit-tifla bhala b’missier mhux maghruf. Fl-10 ta’ Awissu 2009 E D istitwixxa kawza sabiex jigi dikjarat missier it-tifla, kif fil-fatt gie hekk dikjarat b’sentenza ta’ din il-Qorti datata 8 ta` Gunju 2010 fl-ismijiet E D vs A B (256/2009 NC) u dan wara li fl-14 ta’ Mejju 2009 E D kien ipprezenta ittra ufficjali ai termini tal-Artikolu 86 tal-Kap. 16 fejn avza lill-attrici li kien behsiebu japplika sabiex jigi rikonoxxut bhala missier it-tifla. L-omm kienet giet notifikata fid-19 ta’ Mejju 2009 izda ma pprezentatx nota jew risposta. Kien ghalhekk li E D ma setghax jigi registrat bonarjament bhala l-missier u kien kostrett jipprocedi bil-kawza ta’ filjazzjoni sabiex jigi rikonoxxut bhala missier it-tifla.

Wara li kienu saru t-testijiet tad-DNA u meta l-kawza ta’ filjazzjoni kienet tinsab differita ghas-sentenza E D pprezenta ittra ghall-medjazzjoni fl-4 ta’ Mejju 2010 b’tentattiv sabiex jintlahaq ftehim dwar kura, kustodja, manteniment u access. Minn ezami tal-atti tal-medjazzjoni numru 518/10 ta’ bejn il-partijiet jirrizultaw numru ta’ rikorsi pprezentati mill-partijiet jitolbu provvedimenti *interim* dwar dak kollu li jikkoncerna l-minuri sew fir-rigward tal-kura u kustodja u access sew fir-rigward tal-manteniment. B’digriet tal-14 ta’ Novembru 2011 moghti fl-atti tal-medjazzjoni imsemmija l-kura u kustodja *pendente lite* giet mghoddija lill-omm filwaqt li decizjonijiet dwar sahha u edukazzjoni kellhom jittiehdu flimkien. Gie stabbilit modalita’ ta’ access tal-missier versu l-minuri filwaqt li l-missier gie ordnat ihallas manteniment *pendente lite* ghall-minuri fis-somma ta’ €120 kull erba’ gimghat, oltre nofs l-ispejjez ta’ edukazzjoni u sahha. Dan id-digriet baqa’ invarjat tul il-kors tal-kawza odjerna

Fin-nota ta` osservazzjonijiet taghha l-attrici tilmenta illi kien hemm okkazjonijiet meta minkejja d-digriet ta` dina l-Onorabbli Qorti datat 14 ta` Novembru 2011 l-konvenut naqas

milli jwassal lil bintu ghal attivitajiet ta` l-iscouts meta hija kellha tattendi fi granet li nzertat kienet qieghda ghand missierha, u dana minghajr ebda skuza valida*.* [13]

Fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu il-missier jiddikjara illi m'ghandux oggezzjoni li t-tifla tirrisjedi ma' ommha b'access favur il-missier u dan peress li l-minuri sa minn ckunitha dejjem hekk trabbiet u dejjem kienet tghix ma' l-attrici. Jirrikonoxxi l-konvenut illi in-natura tal-impieg tieghu, suldat mal-Forzi Armati ta' Malta li jahdem fuq il-bahar b'shifts, ma jippermettiex li t-tifla tabita mieghu, kuntrarjament ghall-omm illi ghandha impieg gewwa skola u ghalhekk il-hinijiet tax-xoghol tal-omm jaqblu mal-hinijiet tal-iskola tat-tifla.

Pero' hemm kuntrast bejn il-partijiet dwar jekk il-kura u kustodja fuq il-minuri ghandiex tkun esklussivament f'idejn l-omm, kif tikkontendi l-omm, jew inkella tkun kongunta, kif jikkontendi l-missier. Il-missier isostni fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu illi ma jezistux l-estremi legali ghaliex ghandu jitlef il-kura u kustodja minn fuq bintu.

L-omm tikkontendi illi l-missier mhux affidabbli u tirreferi ghal zewg rapporti li hija kienet ghamlet mal-Pulizija fejn sostniet illi l-missier kien kiser id-digriet *pendente lite* meta f'zewg okkazjonijet matul l-access tas-Sibt ma kienx ha lit-tifla ghall-iscouts (Fol. 161). Il-konvenut mill-banda l-ohra cahad li dan kien minnu. Xehed illi fl-okkazzjoni fejn it-tifla ma marritx scouts waqt l-access mieghu kien minhabba li t-tifla kienet ma tiflahx u riedet tmur id-dar. Jghid li f'dik l-okkazjoni huwa kien cempel lill-omm u kienet l-omm stess li qaltlu biex ma jiehux lit-tifla l-iscouts.

F`dan ir-rigward jigi nnotat illi fil-kontro-ezami tieghu din il-verzjoni tal-konvenut imkien ma giet skossata jew kontradetta. [14]

Ikkunsidrat;

**KURA U KUSTODJA U SETGHA TA' GENITUR.**

---

[13] Vide nota ta` osservazzjonijiet a Fol.318 – Ara ukoll xhieda ta` Hector B missier ir-rikorrenti Fol.16 - u Nota ta` A B li permezz taghha pprezentat zewg rapporti tal-Pulizija datati 10 ta` Dicembru 2011 u 1 t`Ottubru 2012 rispettivament a Fol.161

[14] ***(Vide kontro-ezami ta` E D fis-seduta tal-14 ta` Frar 2014 a Fol.309 )***.

In tema legali fuq dan l-aspett tal-vertenza ghandu jinghad illi mad-dikjarazzjoni gudizzjarja u r-registrazzjoni fir-Registru Pubbliku li E D huwa l-missier tal-minuri, huwa *ex lege* akkwista s-setgha ta' genitur fuq il-minuri C flimkien ma' ommha. Ghalkemm il-prassi hi illi sew fil-kuntratti kif ukoll fis-sentenzi wiehed jitratta dwar "kura u kustodja" tal-minuri fl-ambitu ta' separazzjoni, divorzju jew ftehim dwar minuri, dak li komunement tissejjah 'kura u kustodja' effettivament qed tirreferi ghas-"setgha ta' genitur". Tant illi min jigi b'sentenza jew kuntratt eskluz mill-kura u kustodja effettivament jigi eskluz minn kwalunkwe setgha fid-decizzjonijiet li jolqtu lill-minuri hlief fir-rigward ta' dawk l-aspetti tas-setgha ta' genitur li jkunu gew eccettwali.

Ghalhekk il-Qorti qed titratta l-ewwel talba attrici bhala talba fejn l-omm qed titlob li tinghata esklussivament s-setgha ta' genitur fuq il-minuri ad eskluzzjoni tal-missier.

**Artikolu 90 tal-Kap. 16** jipprovdi illi:-

"(1) Il-ġenitur li jkun għaraf b'ibnu tifel imnissel u mwieled barra miż-żwieġ għandu dwaru d-drittijiet kollha tas-setgħa tal-ġenituri minbarra l-użufrutt legali.

(2) Jekk l-interessi tat-tifel hekk jeħtieġu, il-qorti tista' tordna li wieħed jew waħda biss mill-ġenituri jeżerċita jew teżerċita d-drittijiet tas-setgħa tal-missier; il-qorti tista' wkoll tillimita l-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet u, f'każijiet serji, teskludi liż-żewġ ġenituri mill-eżerċizzju ta' dawk is-setgħat."

Stabbilit illi l-Qorti ghandha l-poter tordna li wiehed biss mill-genituri jezercita jew tezercita d-drittijiet tas-setgha ta' genitur, jehtieg li jigi stabbilit jekk jezistux cirkostanzi li jwasslu lill-Qorti tiddeciedi li jkun fl-ahjar interess tal-minuri li s-setgha tal-genitur tkun jew f'idejn esklussivament l-omm, jew f'idejn esklussivament il-missier jew inkella f'idejn it-tnejn. Tali decizjoni ghandha tkun ibbazata esklussivament fuq dwar x'inhu l-ahjar interess tal-minuri.

Stante li l-missier ma hux qed jitlob li jkun hu wahdu li jezercita s-setgha tal-missier, u stante li tul dawn id-disa' snin li ghandha l-minuri hija ghexet dejjem mal-omm, isegwi illi decizzjoni li s-setgha tal-genitur tkun esklussivament f'idejn il-missier ma tkunx fl-interess tal-minuri.

Fir-rigward jekk is-setgha ghandiex tinghata esklussivament lill-omm jew lit-tnejn il-Qorti taghmel is-segwenti konsiderazzjonijiet.

Minn ezami sew tal-atti tal-kawza odjerna kif ukoll dawk tal-kawza ta’ filjazzjoni numru 256/09NC deciza fit-8 ta’ Gunju 2010 u tal-atti tal-medjazzjoni numru 518/10 dekretati definittivament fid-9 ta’ Dicembru 2011, temergi stampa fejn l-omm ghamlet tista’ tghid krucjata sabiex izzomm lill-minuri ‘l boghod minn missierha. Jirrizulta illi n-nuqqas ta’ qbil bejn il-partijiet dwar il-*quantum* ta’ manteniment li l-missier ghandu jhallas ghall-bintu kien, u ghadu, punt ta’ kontroversja kbira li hafna drabi kellu influwenza u effett notevoli fl-attitudni tal-omm dwar il-frekwenza u l-hin tal-access tal-missier versu l-minuri.

**XI TFISSER SETGHA TA’ GENITUR.**

Qabel ma l-Qorti tikkunsidra x’inhu fl-ahjar interess tal-minuri f’dan ir-rigward, rilevanti jigi ezaminat x’inhu dak li effettivament qed jigi kontestat bejn il-partijiet u cioe’ f’hiex tikkonsisti ‘S-SETGHA TAL-GENITUR’ li hija tant kontestata bejn iz-zewg genituri.

**TITOLU IV TAL-KODICI CIVILI.**

Il-Kodici Civili jitratta s-Setgha tal-Genituri taht **Titolu IV** intitolat “**Fuq is-Setgha tal-Genituri**”. Il-provvedimenti legali saljenti huma s-segwenti:-

**Artikolu 131**.

“(1) L-iben huwa suġġett għas-setgħa tal-ġenituri tiegħu għall-effetti kollha kif stabbiliti bil-liġi.

(2) Ħlief f'dawk il-każijiet stabbiliti bil-liġi, din is-setgħa tkun eżerċitata bi ftehim bejn iż-żewġ ġenituri. Wara l-mewt ta' wieħed mill-ġenituri, din tkun eżerċitata mill-ġenitur li jibqa' ħaj.

(3) F'każ ta' nuqqas ta' qbil bejn il-ġenituri dwar ħwejjeġ ta' importanza partikolari, kull wieħed mill-ġenituri jista' jirrikorri għal dik il-qorti skont ma tista' tkun indikata minn jew taħt xi liġi li tkun fis-seħħ minn żmien għal żmien fejn juri dawk id-direzzjonijiet li fil-fehma tiegħu jidhirlu xierqa fiċ-ċirkostanzi.

(4) Il-qorti, wara li tkun semgħet lill-ġenituri u lit-tifel jekk dan ikun laħaq l-età ta' erbatax-il sena, għandha tagħmel dawk is-suġġerimenti li jidhrilha l-aħjar fl-interess tat-tifel u l-għaqda tal-familja. Jekk ikompli n-nuqqas ta' qbil bejn il-ġenituri, il-qorti għandha tawtorizza lill-ġenitur li fil-fehma tagħha jkun l-iktar xieraq li jħares l-interess tat-tifel fil-każ partikolari, li jiddeċiedi l-kwistjoni, bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 149.

(5) Fil-każ ta' periklu imminenti jew preġudizzju serju għat-tifel kull wieħed mill-ġenituri jista' jieħu dawk il-miżuri li huma urġenti u li ma jistgħux jistennew."

- omissis -

**Artikolu 132**

"1) L-iben għandu jobdi lill-ġenituri tiegħu f'dak kollu li hu permess mil-liġi.

(2) Bla ħsara għal kull disposizzjoni oħra tal-liġi dwar l-ingaġġ f'xi forza dixxiplinata, l-iben ma jistax, mingħajr il-kunsens tal- ġenituri, jitlaq mid-dar tal-ġenituri, jew mid-dar li l-ġenituri tiegħu jkunu għażlulu.

(3) Meta l-iben jitlaq mid-dar mingħajr dan il-kunsens, il-ġenituri għandhom jedd isejħulu lura, u jekk ikun meħtieġ jitolbu l-għajnuna tal-Pulizija. Il-Qorti tista' tawtorizza lit-tifel li jitlaq mid-dar tal- ġenituri."

- omissis -

**Artikolu 136**.

"(1) Il-ġenituri flimkien jamministraw il-proprjetà ta' uliedhom, imwielda jew le, ħlief dik il-proprjetà li tiġi għand l-ulied bil-kundizzjoni li tkun amministrata biss minn wieħed mill-ġenituri jew minn terzi.

(2) Atti ta' amministrazzjoni ordinarja jistgħu, iżda, jitwettqu minn kull wieħed mill-ġenituri mingħajr l-intervent tal-ieħor.

(3) L-atti ta' amministrazzjoni straordinarja li għandhom jitwettqu miż-żewġ ġenituri flimkien jinkludu - (a) it-trasferiment ta' mobbli minnhom infushom, inkluż vetturi bil-mutur, sabiex il-prezz tagħhom ikun impjegat bi qliegħ; (b) il-ġbid ta' kapitali li jkunu għalqu; (ċ) l-għoti ta' jeddijiet personali għat-tgawdija minn proprjetà immobbli; (d) l-aċċettazzjoni ta' wirt, legat jew donazzjoni f'isem it-tifel; (e) il-qsim ta' ħwejjeġ mobbli minnhom infushom; (f) atti li jeħtieġu l-awtorizzazzjoni tal-Qorti skont is-subartikolu (4)."

<u>Ezaminati l-provi migjuba u applikati l-provvedimenti legali rilevanti ghall-kaz in ezami l-Qorti ma ssibx ragunijiet gravi ghaliex il-missier ghandu jigi mcahhad mis-setgha ta' genitur fuq bintu</u>. Peress li l-provvedimenti legali dwar tfal imwielda barra z-zwieg huma xi ftit jew wisq xotti f'dan ir-rigward, il-Qorti ser taghmel referenza ghal-ligi li tirregola l-ahjar interess tal-minuri f'kaz ta' separazzjoni personali.

**Artikolu 56** tal-Kap. 16 jipprovdi illi:

"(1) Meta tagħti s-sentenza tal-firda, il-qorti għandha tordna wkoll lil liema waħda mill-partijiet għandha tiġi fdata <u>l-kustodja tat-tfal</u> u l-kunsiderazzjoni ewlenija tkun <u>il-ġid tal-ulied.</u>

(2) Il-qorti tista', jekk tqis li dawk il-miżuri jkunu tassew meħtieġa, u wara li tqis iċ-ċirkostanzi kollha rilevanti, tordna li l-ulied jitqiegħdu taħt fil-kustodja ta' persuni *in loco parentis*, ta' terzi, jew f'xort'oħra ta' kura.

(3) Il-qorti tista' tagħti dawk l-ordnijiet fis-sentenza tal-firda, għalkemm fl-azzjoni għaliha ma tkun saret ebda talba, dwar il-kustodja tal-ulied.

(4) Il-qorti tista', f'kull żmien, tirrevoka jew tibdel dawk l-ordnijiet dwar l-ulied, meta l-interessi tal-ulied hekk jitolbu.

(5) Il-qorti tista' barra dan, meta ċ-ċirkostanzi hekk jeħtieġu, tistabbilixxi li xi ħadd mill-ġenituri jew it-tnejn ikunu miċħuda mill-jeddijiet tal-awtorità tal-ġenituri għal kollox jew f'parti."

**Artikolu 56A**.

Il-qorti tista', għal raġunijiet gravi, f'kull żmien f'kawża ta' firda, jew meta l-partijiet ikunu mifrudin, fuq talba ta' waħda mill-partijiet, tiddikjara li l-parti l-oħra ma tkunx tajba biex ikollha l-kustodja tal-ulied minuri tal-partijiet, u fejn il-qorti tagħmel dikjarazzjoni bħal din, il-parti hekk iddikjarata ma tkunx tista', mal-mewt tal-parti l-oħra, tieħu l-kustodja ta' l-ulied minuri, mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-qorti.

**Artikolu 57**.

"(1) Tkun min tkun il-persuna li f'idejha jiġu fdati l-ulied minuri tal-miżżewġin, il-miżżewġin jibqgħu fil-jedd li jaraw li kollox qiegħed isir sewwa għal dak li hu manteniment u edukazzjoni, u jibqgħu obbligati li joħorġu s-sehem li jmisshom għall-manteniment u l-edukazzjoni, skont il-liġi.

2) Hu mħolli fid-dehen tal-qorti li tistabbilixxi, skont iċ- ċirkostanzi, iż-żmien, il-lok, u l-mod li fihom il-miżżewġin ikollhom aċċess għall-ulied.

(3) Il-qorti tista’ tipprojbixxi għal kollox lill-missier jew lill-omm li jkollhom aċċess għall-ulied minuri tagħhom, meta dan jista’ jkun ta’ ħsara għall-ġid ta’ l-istess minuri.”

Ezami akkurat tal-Artikolu 56 appena citat juri illi l-ligi taghna taghmel distinzjoni bejn ‘IL-KUSTODJA’ tal-ulied fuq naha u ‘IS-SETGHA TA’ GENITUR’ jew ‘L-AWTORITA’ TA’ GENITUR’ fuq in-naha l-ohra. Fil-Kapitolu 16 il-frazi ‘KURA U KUSTODJA’ hija uzata biss fit-Titolu li jitratta l-adozzjonijiet.[15] Strettament ghalhekk il-Qorti ghandha tiddeciedi fl-ewwel lok dwar il-kustodja tal-minuri, u cioe’ ma’ min il-minuri ser tirrisjedi u fit-tieni lok dwar jekk ghandiex iccahhad lil xi hadd mill-genituri mill-awtorita’ ossia s-setgha ta’ genitur.

Il-ligi taghna tipprovdi meta l-Qorti ghandha tnehhi is-setgha ta’ genitur minn idejn genitur.

**Artikolu 154 tal-Kap. 16** jipprovdi illi:

“(1) Bla ħsara ta’ kull piena oħra li għaliha jista’ jkun suġġett skont il-liġi, il-ġenitur jista’ jiġi mneħħi mill-qorti hawn fuq imsemmija, mill-jeddijiet kollha ta’ setgħa tal-ġenituri, jew minn biċċa minnhom, f’kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(a) jekk il-ġenitur, billi jagħti kastig barra mill-qies, jaħqar lit-tifel, jew jittraskura l-edukazzjoni tiegħu;

(b) jekk l-imġieba tal-ġenitur tista’ tagħmel ħsara lit-trobbija tat-tifel;

(c) jekk il-ġenitur huwa interdett, jew inabilitat li jagħmel xi atti, kif jingħad fl-artikoli 520 sal-527 inklużivament tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u fl-artikoli 189 u 190;

(d) jekk il-ġenitur jamministra ħażin ħwejjeġ it-tifel;

(e) jekk il-ġenitur jonqos li jaqdi xi wieħed mill-obbligi msemmija fl-artikolu 3B favur it-tifel.

[15] Ara Artikolu 115 (4) (c) tal-Kap. 16

(2) Madankollu, il-qorti tista', ukoll fil-każijiet imsemmijin fis-subartikolu (1), terġa' tqiegħed lill-ġenitur fl-eżerċizzju tal-jeddijiet li tkun tellfitu, jekk ma tibqax ir-raġuni li għaliha tkun tellfitu dawk il-jeddijiet"

Fl-ambitu ta' separazzjoni personali, Artikolu 56 (5) tal-Kap. 16 jipprovdi illi l-Qorti tista' ccahhad lil xi hadd mill-genituri jew lit-tnejn mill-awtorita' ta' genitur "meta c-cirkostanzi hekk jehtiegu". Fil-fehma tal-Qorti l-Legislatur ried li f'kaz fejn iz-zewg genituri mhux ser jghixu flimkien id-diskrezzjoni tal-Qorti dwar is-setgha tal-genitur tkun aktar wiesa minn dak stabbilit fl-Artikolu 154 supra citat. Ghaliex filwaqt li l-Artikolu 154 jelenka c-cirkostanzi meta s-setgha ta' genitur tista' tigi revokata, l-Artikolu 56 jippermetti li setgha ta' genitur tigi revokata <u>jekk ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz ikunu hekk jehtiegu</u>. Fost ic-cirkostanzi li l-Qorti f'kazi kongruwi ghandha tiehu in kunsiderazzjoni huwa certament x'inhu l-ahjar interess tal-minuri.

**JEHTIEG RAGUNIJIET GRAVI U SERJI SABIEX GENITUR JIGI MCAHHAD MIS-SETGHA TA' GENITUR.**

Fil-fehma tal-Qorti kuntrasti bejn il-genituri ma humiex *per se* ragunijiet bizzejjed sabiex Qorti iccahhad genitur mis-setgha ta' genitur. Dan ghaliex f'kawzi ta' din ix-xorta tista' tghid illi dejjem hemm kuntrasti bejn il-partijiet dwar dak li jikkoncerna l-minuri. Kieku kull fejn hemm kuntrast bejn il-genituri jwassal li xi hadd mill-genituri jitlef l-awtorita' ta' genitur, kieku it-telfien ta' dik l-awtorita' kienet tkun ir-regola u mhux l-eccezzjoni. Izda l-Qorti hi tal-fehma illi l-ligi tpoggi c-cahda tal-awtorita' ta' genitur bhala l-eccezzjoni u mhux ir-regola u li jehtieg li jissussistu ragunijiet serji u gravi sabiex genitur jigi mcahhad mis-setgha ta' genitur li jgawdi bis-sahha tal-ligi. Tali konsiderazzjoni l-Qorti qed taghmilha sew jekk tissejjah 'setgha tal-genitur' kif il-ligi tipprovdi, sew jekk tissejjah 'kura u kustodja' kif maz-zmien bdiet tissejjah fi provvedimenti dwar tfal fl-ambitu ta' kuntratti u sentenzi dwar separazzjonijiet personali u fi provvedimenti dwar tfal imwielda barra z-zwieg.

Ezaminati l-provi kollha akwiziti, l-Qorti ma tirriskontrax l-estremi sabiex, kif qed issostni l-attrici, il-konvenut jigi mcahhad mis-setgha ta' genitur. Jirrizulta illi sabiex gie rikonoxxut bhala l-missier naturali tal-minuri il-konvenut kien kostrett jintavola kawza minhabba li l-omm ma irreagixxietx ghall-ittra ufficjali lilha notifikata. L-omm ma tatx spjegazzjoni accettabbli ghaliex fl-interess tal-minuri ma kkoperatx ma' E D sabiex bonarjament jigi stabbilit jekk kienx il-missier tat-tarbija. Mill-banda l-wahda tilmenta illi l-missier ma weriex

interess fil-minuri u ma kienx jikkontribwixxi ghall-manteniment taghha u mill-banda l-ohra ghamlet diversi ostakoli sakemm D gie rikonoxxut bhala l-missier.

Huwa rilevanti jigi osservat illi l-attur kien istitwixxa l-proceduri ta' medjazzjoni madwar xahar qabel ma' l-Qorti ippronunzjat is-sentenza ta' filjazzjoni u sa dak iz-zmien, nonostante li kien hemm gia' t-test tad-DNA pozittiv favur il-konvenut, l-attrici kienet ghadha qed tirrifjuta li thalli lil D jara lil bintu. Fil-fehma tal-Qorti dak li l-attrici tiddeskrivi bhala nuqqas ta' interess da parti tal-konvenut specjalment fiz-zmien prossimu ghat-twelid tat-tarbija, kif anke deskritt fix-xiehda taz-zewg genituri tal-attrici, huwa fil-verita' l-effett tad-deterjorazzjoni drastika li kien hemm fir-relazzjoni ta' bejn il-partijiet. Rilevanti jigi osservat illi fi kliemha stess l-attrici inqabdet tqila meta kienet ghadha fl-ewwel sentejn tal-edukazzjoni terzjarja taghha. Il-fatt li r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet ma komplietx timmatura anzi ddeterjorat drastikament kellu l-effett illi l-attrici kienet tirrestringi bil-bosta il-hin li l-konvenut setgha jqatta' ma bintu, dejjem fil-presenza taghha jew ta' xi hadd mill-genituri. Il-konvenut jghid illi kien accetta li ma jirregistrax ruhu bhala missier it-tarbija ghaliex hekk riedet l-attrici sabiex tiehu l-beneficcji ta' 'single mother'.

Il-Qorti temmen il-verzjoni li ta l-konvenut fis-sens illi meta kienu jippruvaw jergghu jistabbilixxu r-relazzjoni ta' bejniethom, l-attrici kienet thalli lill-konvenut jara lil bintu; izda meta tali relazzjoni kienet terga tieqaf l-omm kienet twaqqaf l-access tal-missier ghal bintu u dan setghet taghmlu peress li hu ma kienx ghadu rikonoxxut jew registrat bhala missier it-tarbija.

<u>Ezaminati l-atti tal-kawza odjerna, tal-kawza ta' filjazzjoni u tal-atti ta' medjazzjoni, il-Qorti ma rriskontratx provi li juru illi l-missier jimmerita li jigi mcahhad mis-setgha ta' genitur.</u>

Tenut kont dawn il-kunsiderazzjonijiet il-Qorti hi tal-fehma illi s-setgha ta' genitur ghandha tkun f'idejn iz-zewg genituri b'dan illi decizjonijiet ta' ftit importanza li jkollhom jittiehdu ta' kuljum fl-interess tal-minuri jittiehdu mill-omm.

Il-minuri ghandha tibqa', kif ilha mit-twelid, tirrisjedi mal-omm u ghalhekk it-tifla tkun ordinarjament fil-kustodja tal-omm b'access favur il-missier kif ser jigi aktar tard deciz. Kif qed jigi indikat mill-konvenut fin-nota ta` osservazzjonijiet tieghu l-metodu attwali huwa li peress illi l-konvenut jahdem bix-xift u ghandu impenji pjuttost rigoruzi minhabba li jahdem

fuq il-bahar mal-Forzi Armati ta` Malta, huwa ghandu jaghti avviz lill-attrici xahar qabel ta` kif ikun jixtieq l-access matul ix-xahar ta' wara tenut kont ukoll tal-bzonnijiet tal-minuri.

**MANTENIMENT.**

In tema legali ghandu jinghad illi fil-principju iz-zewg genituri ghandhom l-istess obbligi f'dak li jirrigwarda l-ispejjez necessarji ghat-trobbija tal-ulied kull wiehed u wahda skond id-dhul u l-ispejjez rispettivi.

**MANTENIMENT GHALL-HTIGIJIET TAL-MINURI C**

**QLIEGH U SPEJJEZ TAR-RIKORRENTI A B**

L-attrici tahdem fuq bazi "full-time" bhala Supply Learning Support Assistant fi skola privata u kienet xi zmien tahdem ukoll fuq bazi *part-time* bhala carer ma' Community Service Ltd. Fis-sena 2011 kellha impieg *part-time* li minnu dahhlet € 829. Fis-snin 2012 u 2013 id-dhul nett ta` A B (wara tnaqqis tat-taxxa u kontribuizzjoni tas-Sigurta Socjali) kien is-segwenti ;

Ghas-sena 2012 mill-impieg principali taghha l-introjtu taghha kien ta` € 10,656 u ghas-sena 2013 kien ta` € 13,007 mentri mill-Community Health Services Ltd ghas-sena 2012 kien ta` € 2,401 u ghas-sena 2013 kien ta` € 2,351.

Ghalhekk fis-sena 2012 id-dhul tal-attrici kien ta' € 13,057 filwaqt li ghas-sena 2013 kien ta` € 15,358.

Ix-xhud Antoinette Pace, l-Head tal-iskola fejn tahdem l-attrici, esebiet d-dokumenti Doks. AP1 sa AP4 (Vide Fols.259 et seq ) li juru n-*net pay* ghas-snin 2012 u 2013.

L-attrici xhedet illi matul il-perjodu ta` bejn Jannar 2013 u Settembru 2013, u dan gie konfermat minn Antoinette Pace fis-seduta tas-6 ta` Gunju 2013, [16] hija hadmet temporanjament bhala Supply Teacher izda fis-sena 2013/2014 id-dhul ta` l-esponenti rega' naqas sostanzjalment peress illi d-dhul ta` Supply Teacher huwa ghola minn dak ta` Learning Support Assistant. Minbarra dan it-tnaqqis hija m'ghadiex tahdem mal-Community Services Ltd u ghalhekk **d-dhul taghha net ghas-sena 2014 (wara t-tnaqqis ta` taxxa u kontribuzzjoni tas-Sigurta Socjali) huwa ta` - mill-iskola € 11,000 u minn Community Health Services € 1,000 li jgibu total ta` € 12,000.**

In kontro-ezami[17] A B wara li giet mistoqsija ghandhiex intenzjoni tkompli tistudja sabiex tavvanza fil-karriera taghha, wiegbet li fil-prezent dan ma kienx possibbli minhabba l-hin li trid tiddedika ghat-trobbija tat-tifla.

Ivan Cilia, in rapprezentanza tad-Direttur tas-Sigurta Socjali, xhed fis-seduta tas- 6 ta` Gunju 2013[18] u esebixxa Doks.IC1 sa IC15 fejn spjega x`hadet A B ghajnuna socjali. Huwa esebixxa dokumenti mis-sena 2006 sas-sena 2013. Jghid li fil-kaz ta` A B dan kien f`isimha u f`isem it-tifla minuri. Id-dokumenti rigwardanti c-*childrens allowance* huma esebiti bhala Docs.IC8 sa IC15.[19]

**<u>SPEJJEZ TAR-RIKORRENTI A B</u>**

Illi r-rikorrenti fl-istess xhieda taghha in kontro-ezami tat-13 ta` Novembru 2013 tghid ukoll dwar l-ispejjez taghha inkluz tal-kera tad-dar li qed tghix fiha u mistoqsija kemm qeghda thallas kera wiegbet li bhalissa qed thallas €**310** fix-xahar kera ghad-dar oltre spejjez ta' dawl u l-ilma ta` kull xahar. Hija xtrat post b`sussidju mill-Gvern u dan il-post huwa bl-iskema ta` l-Awtorita tad-Djar. Hija tghid illi l-post isir taghha propjament meta tkun hallsitu kollu. Qeghda thallas is-self li ghamlet sabiex xtrat dan il-fond. Il-pagamenti bi hlas tas-self

[16] Vide Fol.269
[17] Seduta – 13 ta' Settembru 2013

[18] Fol. 271
[19] Fols 244 sa 258

jammontaw ghal circa €260 fix-xahar.[20] Fix-xhieda taghha in kontro-ezami tal-24 ta` Jannar 2014 qalet ukoll li l-post li xtrat ghadu gebel u saqaf u ma tistax tmur tghix fih[21].

B`nota l-attrici esebiet d-dokumenti hemm elenkati dwar hlasijiet li saru rigwardanti din id-dar kif ukoll hlasijiet li saru minn missierha. Saru wkoll hlasijiet minn missierha kif minnu konfermat fl-Affidavit tieghu pprezentat fis-26 ta` April 2012.[22]

Fl-affidavit taghha omm l-attrici, Maria Concetta B taghti rendikont tal-ispejjez li ghandha bintha A B[23].

Ir-rikorrenti spjegat fl-affidavit taghha t-total ta` l-ispejjez rikorrenti li ghandha sew ghall-bzonnijiet taghha kif ukoll dawk tal-minuri inkluz kera u servizzi fid-dar (**Dok.B1,B4,B5 u B9 a Fols.39,42,43,60)** li jammontaw ghal **€ 5,332** f'sena; kif ukoll spejjez taghha wahedha (**Doks, B2,B3,B6 B7 u B8 (a Fols.40,41 u 45 sa 59).** Hija ssemmi wkoll spejjez ghall-ikel hwejjeg edukazzjoni u sahha ta` C **Doks. C1 sa C19 (a Fols.62 sa 98)**[24] Taghti rendikont dettaljat ta' diversi spejjez rikorrenti u ggib it-total fis-somma ta' € 15,357. Irid jinghad illi fost dawn l-ispejjez hemm indikat is-somma ta' €3,000 rapprezentanti l-ispejjez tal-kors ta' Psikoterapista.

Permezz ta` nota ta` A B (***esebita Fol.292 )***l-attrici esebiet dokumenti li juru l-ispejjez taghha u ta` missierha in konnessjoni mad-dar li xtrat.

**DHUL TAL-KONVENUT E D**

Fis-seduta tat-23 ta` Ottubru 2010 [25] xhed il-Paymaster tal-AFM u jghid li hu jiehu hseb is-salarju, promozjonijiet u kwalunkwe oggett li jinvolvi l-membri tal-AFM. Huwa ezebixxa d-

---

[20] Vide xiehda ta` A B in kontro-ezami tat-13 ta` Novembru 2013 Fol.285.
[21] Vide xiehda ta` A B in kontro-ezami fis-seduta tal-24 ta` Jannar 2014 a Fol.307 )
[22] Fol.14 et seq
[23] Vide Affidavit ta` Maria Concetta B a Fol.17
[24] Vide Affidavit Ta` A B a Fol.29

[25] Fol.130

dokument mmarkat Dok. AF1 li huwa *breakdown of salaries and allowances* ta` E D referibbli ghas-sena 2011.

Id-Dok. AF1 esebit a Fol.134 juri ***illi E D ghas-sena 2011 kellu basic salary ta` € 11,451.19.***

Fl-istess seduta tat-23 ta` Ottubru 2012 ***(a Fol.131 t-tieni paragrafu)*** ix-xhud ikompli jghid ;

"Nghid ukoll illi fil-paga tas-6 ta` Ottubru ta` din is-sena korrenti 2012 huwa ha *increment*. Jiena nesebixxi l-payslip Dok.AF3 li juri tibdil fil-basic pay u dan juri t-tibdil li ha fl-*increment* li ha issa f` Ottubru tat-2012. Fl-1 ta` Jannar 2013 se jkun hemm tibdil fil-paga bhala konsegwenza fil-*collective agreement* li ghadu kif gie ffirmat issa, propju l-ahhar *collective agreement* li gie ffirmat bejn il-Gvern u l-unions. Jiena nintrabat li nesebixxi dokument li juri z-zidiet li ghandu jiehu l-imsemmi E D wara l-iffirmar ta` dan il-*collective agreement* b`effett minn Jannar 2013. Irrid nghid li ghas-sena 2012 ukoll fit-3 ta` Novembru se titbiddel il-*basic pay* u fl-1 ta` Dicembru se jingabar arretrat mill-1 ta` Jannar sas-6 ta` Ottubru 2012. Fis-seduta li jmiss nesebixxi kopji tal-payslips tal-1 ta` Dicembru 2012 fir-rigward ta` E D.

In kontro-ezami f`din l-istess seduta tat-23 ta` Ottubru 2012 ix-xhud jispjega illi d-Dok.AF1 msemmi juri total ta` € 15,263.46 pero` dan huwa l-gross pay u mhux in-net pay: "Nispjega illi fejn hemm miktub B3, AFM Allowance, Sea Duty Allowance, dawk mhumiex il-*basic salary* u dawk jinghataw lis-suldat skond il-post li jkun qed jahdem fih u jsiru *courses* biex huwa jkun elegibbli ghalihom**.** [26]

Fis-seduta tas-7 ta` Dicembru 2012 [27] l-istess xhud Joseph Magri jghid :

"Nesebixxi zewg dokumenti tas-salarji 2012 u 2013 kif gejt mitlub li naghmel fis-seduta precedenti u dawn qed jigu esebiti Doks.LP1 u LP2." [28] *Illi harsa lejn id-Dok. LP1 (a Fol.159) dan juri illi E D kellu basic salary ta` € 13,192.88 ghas-sena 2013. u Dok.LP2 (a Fol.160 ) juri li E D kellu basic salary ta` € 12,387.34 ghas-sena 2012."* L-istess dokumenti juru illi id-dhul gross tal-konvenut fis-sena 2012 kien ta' €16,523.32 filwaqt li fis-sena 2013 id-dhul gross tieghu kien ta' €17,429.83

[26] Vide xhieda Fol.132 t-tieni paragrafu

[27] Vide Fol.156

[28] Vide Fols. 159 u 160

**SPEJJEZ TAL-KONVENUT E D**

Fl-affidavit tieghu l-konvenut E D [29] jghid;

"Jiena dhalt f`konvenju ta` post li llum qieghed jinbena u daqt ikun lest. Jiena rrangajt biex niehu loan mal-BOV ghal self biex nixtri dan il-post u se nibda nhallas madwar tlett mitt ewro (€ 300) kull erba' gimghat. Dan il-post se nixtrih anke ghal binti stess, biex binti ikollha dar, fejn nista nakkomoda lil binti f`kaz illi l-Qorti tiddeciedi li nkun nista niehu lil binti *overnight stays* waqt l-access se nkun qed inhallas dan il-loan fuq medda ta` erbgha u ghoxrin sena. Apparti minn hekk se jkolli spejjez biex nirrangah u nimlih sabiex inkun nista mmur nghix fih.Minbarra dawn l-ispejjez ghandi l-ispejjez ta` kuljum li huma d-dawl u l-ilma li jinqasam bejn tlieta d-dar ta` ommi ghax hija qieghed l-iskola li jigi madwar € 450 kull sitt xhur. Naghti kontribut ta` mitt ewro kull xahar ghall-ispejjez tal-ikel, hasil tal-hwejjeg u s-sehem tieghi fil-kont tad-dawl u l-ilma ecc. Il-pagament tal-Melita tat-telephone u l-internet u l-mobile jammontaw ghal tletin ewro (€ 30) fix-xahar, il-kiri tal-garage jammonta ghal € mija u tmenin kull tlett xhur. Licenzja u insurance tal-karozza jammonta ghal € 311.98 kull sena u € 30 fil-gimgha petrol. U dan ghalissa ghax kif inlesti l-post u mmur nghix fih se jizdiedu il-kontijiet u necessitajiet biex nghix**.** [30]

Fl-affidavit ta` omm l-konvenut, Maria Dolores D [31] essenzjalment tikkorrobora dak li xhed il-konvenut fir-rigward tal-ispejjez li ghandu.

**KONSIDERAZZJONIJIET DWAR IL-MANTENIMENT**

L-attrici ssostni illi l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas manteniment adegwat li jirrifletti sehemu mill-ispejjez reali tat-tifla. Hija tfakkar illi d-digriet li permezz tieghu l-konvenut kien gie ordnat ihallas retta alimentarja pendente lite ta' € 120 (mija u ghoxrin ewro) kull erba` gimghat jmur lura ghall-14 ta` Novembru 2011 u li sad-data tas-sentenza ta` dina l-kawza ikunu ghaddew aktar minn tlett snin. Illi r-rikorrenti hija ghalhekk tal-fehma illi

[29] Fol.199
[30] ***Vide xhieda Fols.199 u 200 l-ahhar u l-ewwel*** **paragrafi rispettivament**
[31] ***Fol.203***

l-Qorti ghandha tordna u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici manteniment minn meta giet intavolata l-kawza odjerna tas-somma ekwivalenti ghad-differenza bejn il-manteniment pendente lite li kien ihallas ta’ €120 kull erba` gimghat u r-retta alimentarja xierqa mahduma a bazi tal-introjtu ppruvat tieghu u l-htigijiet attwali tal-minuri. [32]

Illi l-konvenut minn naha l-ohra jikkontendi illi ma huwiex minnu li l-esponenti dejjem pinga li hu jaqla inqas milli fir-realta gie ppruvat u li dan l-argument jaghmel sens biss ghall-fini u effetti ta` kemm qed jghaddi manteniment bhalissa l-esponenti ghal bintu C. Jsostni li fiz-zmien meta saret it-talba ufficjali biex jibda jhallas manteniment kien fl-inqas grad fi hdan il-Forzi Armati ta` Malta u ghadu, fil-fatt huwa kien bi ftit aktar minn paga minima u bil-mezzi li kellu l-Qorti dak iz-zmien iddecidiet li huwa ghandu jikkontribwixxi € 120 fix-xahar bhala manteniment pendente lite ghal bintu oltre nofs l-ispejjez ta` sahha u edukazzjoni tal-minuri.[33]

L-konvenut jikkontendi wkoll illi din l-Qorti ma ghandiex tiehu in konsiderazzjoni il-qliegh gross izda tiehu in konsiderazzjoni il-qliegh net. Huwa jsostni illi *allowances* mhumiex ghal dejjem u li l-konvenut mhux se jibqa’ ghal dejjem fuq il-bahar peress li jista’ jigi assenjat f`postijiet ohra li ma jkollhomx dan il-hlas zejjed fejn ix-xoghol ma jkollux dan it-tip ta’ periklu u allura ma jithallsux l-allowances kollha fil-prezent pagabbli. Jinsisti l-konvenut illi l-Qorti ghandha tiehu biss in konsiderazzjoni l-*basic wage* tieghu u mhux ukoll l-*allowances*. [34]

Ikkunsidrat;

**KONSIDERAZZJONIJIET TA’ DRITT**

Il-provvedimenti legali fil-Kodici Civili referibbli ghad-dover tal-genituri li jipprovdu manteniment lill-uliedhom huma s-segwenti:- “

---

[32] ***Vide nota ta` osservazzjonijiet tar-rikorrenti Fol.321u 322 t-tielet u r-raba paragrafi rispettivament***

[33] Vide nota ta` osservazzjonijiet tal-konvenut Fols.325 326 l-ahhar u l-ewwel paragrafu rispettivament

[34] Vide nota ta` osservazzjonijiet tal-konvenut Fol.326 (3) fit-tieni paragrafu

**Artikolu 7.**

“(1) Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B. “

**Artikolu 19.**

“(1) Fil-manteniment jidħlu l-ikel, l-ilbies, is-saħħa u l-abitazzjoni. “

(2) Fil-manteniment li għandu jingħata lill-ulied u dixxendenti oħra, jidħlu wkoll l-ispejjeż meħtieġa għas-saħħa u għall-edukazzjoni tagħhom. “

**Artikolu 20**

. “(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta’ min jitolbu u l-meżzi ta’ min għandu jagħtih. “

(2) Fl-istħarriġ sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort’oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-eżerċizzju ta’ xi professjoni, arti jew sengħa. “

(3) Meta jinqiesu l-meżzi ta’ min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħadd biss il-qligħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddieħor, u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust. “

(4) Ma jitqiesx li għandu meżzi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa’ f’daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent. “

(5) Meta jinqiesu l-mezzi ta’ min jitlob il-manteniment, ghandu jittiehed qies ukoll ta’ kemm jiswew il-beni tieghu mobbli jew immobbli kif ukoll ta’ kull interess beneficjarju taht trust.”

Il-partijiet, genituri tal-minuri, m’humiex mizzewgin lil xulxin. Dwar l-obbligu tal-genituri li jmantnu lill-uliedhom japplikaw l-istess regoli, sew jekk il-genturi huma mizzewga lil xulxin, sew jekk le. Issir ghalhekk referenza ghall-provvedimenti legali fil-Kodici Civili li jipprovdu dwar il-manteniment tal-ulied f’kaz ta’ firda tal-genituri mizzewgin:- “

**Artikolu 54.**

- omissis

“2) L-ammont tal-manteniment imsemmi fis-subartikolu (1), kif ukoll il-manteniment dovut lill-ulied f’kaz ta’ firda, jigi stabbilit billi jitqiesu l-mezzi tal-mizzewgin, il-hila taghhom li jahdmu u l-bzonnijiet taghhom, u ghandhom jitqiesu wkoll ic-cirkostanzi l-ohra kollha tal-mizzewgin u tal-ulied, inkluz dan li gej: “

(a) il-bzonnijiet tal-ulied, wara li jkunu tqiesu c-cirkostanzi kollha taghhom; “

(b) xi dizabilità, kif imfissra fl-Att dwar l-Opportunitajiet Indaqs ghal Persuni b’Dizabilità, kemm jekk hija fizika jew mentali; “

(c) cirkostanzi ta’ mard li tant ikunu serji u gravi li jikkompromettu l-kapacità tal-mizzewgin jew ta’ l-ulied li jmantnu lilhom infushom; -

- omissis -

“(e) kull qligh jew beneficcju li l-mizzewgin, jew min minnhom, jircievu skont il-ligi, minbarra kull ghajnuna socjali li mhix kontributorja li tkun qed tithallas lilhom taht l-Att dwar is-Sigurtà Socjali:

“Izda, ghall-fini ta’ dan il-paragrafu, ghandha titqies il-pensjoni ghad-dizabilità taht l-artikolu 27 tal-Att dwar is-Sigurtà Socjali; “

(f) il-htigiet ghall-akkomodazzjoni tal-mizzewgin u tal-ulied;

- omissis –

“(4) Il-qorti fl-ghoti tal-manteniment tista’ tipprovdi wkoll ghall-mod ta’ kif dan jista’ jawmenta minn zmien ghal zmien.

- omissis - “

(7) Il-qorti tista’ tordna, skont ic-cirkostanzi, li l-hlas tas-somma globali msemmija fis-subartikoli ta’ qabel ta’ dan l-artikolu jsir f’ghadd ta’ skadenzi ndaqs jew mhux indaqs mifruxa fuq perijodu ta’ zmien xieraq. “

(8) Il-qorti tista’ wkoll tordna li, minflok dik is-somma globali, imsemmija fis-subartikolu (5), kollha jew parti minnha, il-parti li jkollha thallasha taghti lill-parti l-ohra proprjetà b’titolu ta’ proprjetà jew uzufrutt, jew ghall-uzu jew abitazzjoni.”

Ikkunsidrat;

Il-konvenut qed jikkontendi inter alia illi fil-komputazzjoni tal-manteniment dovut ghall-minuri l-Qorti m’ghandiex tiehu in konsiderazzjoni id-dhul kollu tieghu izda biss il-paga bazika. Jikkontendi illi l-Qorti ghandha tinjora id-dhul tieghu li huma allowances konnessi mal-kwalita’ tax-xoghol.

Il-Qorti ma taqbilx ma' tali asserzjoni.

Il-ligi ma taghmel l-ebda distinzjoni bejn il-paga bazika u l-*allowances*. Ma teskludiex lanqas l-*overtime* u jekk jirrizulta illi l-*overtime* huwa ir-regola u mhux l-eccezzjoni , ghandu jittiehed in konsiderazzjoni daqs kull dhul iehor. F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet "**Giovanna sive Jane Bianco vs. Carmelo Bianco**" deciza mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta` Ottubru 2013 fejn il-Qorti qieset sew is-salarju baziku kif ukoll il-hlas ghall-*overtime* li kien wiehed regolari.

Il-Qorti qieghda tikkunsidra wkoll rilevanti il-fatt illi l-omm ghandha l-kustodja tat-tifla peress li tirrisjedi maghha. Dan l-istat ta' fatt min-natura tieghu jillimita l-potenzjal ta' kemm l-omm tista' ddum barra mid-dar sabiex tiggenera dhul. Issir hawn referenza ghas-sentenza "**Marthese Vella pro et noe vs. George Vella"** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Frar 2003 moghtija fl-ambitu ta' separazzjoni personali izda li l-principju applikat fir-rigward tal-manteniment tal-ulied u omm li trid trabbi lill-uliedha huma applikabbli ghall-kaz in dizamina:-

"Illi din il-Qorti, tghid illi dan hu hekk in principju, però jista' jkun li jkun hemm kazijiet fejn minhabba c-cirkostanzi tal-kaz, il-genitur li jkun afdat bil-kura u l-kustodja tal-minuri ma jkunx jista' jahdem u dan minhabba li jkun irid jippresta l-attenzjoni u l-kura tieghu ghat-trobbija ta' l-imsemmi minuri."

Konsiderati l-provi kollha migjuba fir-rigward tad-dhul rispettiv taz-zewg genituri u l-htijigiet tal-minuri, kif ukoll il-htigijiet u l-ispejjez rispettivi tal-partijiet, l-Qorti hi tal-fehma illi manteniment gust da parti tal-missier fir-rigward tat-tifla ghandu jkun ta' tlett mitt ewro (€300) kull erba' gimghat oltre nofs l-ispejjez ta' edukazzjoni u sahha.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi prevja li tilqa' parzjalment l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut u tilqa' parzjalment it-talbiet attrici tiddeciedi kif gej:-

1. Tordna li s-setgha ta’ genituri fuq il-minuri C D imwielda fid-19 ta’ April 2006 tigi ezercitata miz-zewg genituri flimkien.

2. Tordna li l-omm ikollha l-kustodja tal-minuri u cioe’ li l-minuri tirrisjedi primarjament mal-omm b’access favur il-missier kif gej: Darba matul il-gimgha mis-siegha u nofs ta’ wara nofsinhar (1.30 p.m.) sal-erbgha u nofs ta’ wara nofsinhar (4.30 p.m.) u darba fi tmiem il-gimgha b’mod alternat darba s-Sibt u darba l-Hadd mid-disgha ta’ filghodu (9.00 a.m.) sal-erbgha ta’ wara nofsinhar (4.00 p.m.). Il-konvenut ghandu javza lill-attrici bil-miktub jew bil-mezz elettroniku xahar qabel bil-mod kif ikun ser jigi ezercitat l-access fix-xahar ta’ wara.

3. Tiddikjara illi l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici manteniment ghall-minuri C D fis-somma ta’ tlett mitt ewro (€300) kull erba’ gimghat b’effett mill-1 ta’ Jannar 2015 filwaqt li ghall-perijodu bejn id-data tal-prezentata ta’ din il-kawza u l-31 ta’ Dicembru 2014 tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici bhala manteniment ghall-minuri s-somma ta’ mitejn ewro (€200) kull erba’ gimghat. Ghandha ssir revizjoni ta’ dan il-manteniment meta l-minuri taghlaq hmistax-il sena. Oltre l-manteniment hawn ordnat il-konvenut ghandu wkoll ihallas nofs l-ispejjez ta’ edukazzjoni u sahha tal-minuri.

4. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici bhala manteniment ghall-minuri is-somma ta’ mitejn ewro (€200) kull erba’ gimghat b’effett mit-30 ta’ Jannar 2012 sal-31 ta’ Dicembru 2014 filwaqt li tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici bhala manteniment ghall-minuri s-somma ta’ tlett mitt ewro (€300) kull erba’ gimghat b’effett mill-1 ta’ Jannar 2015 ‘il quddiem, b’dan illi l-manteniment hawn ordnat ghandu jizdied kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja. Mill-ammont ta’ arretrati ghandhom jitnaqqsu l-ammonti gia’ mhallsa mill-konvenut bhala manteniment pendente lite. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici nofs l-ispejjez ta’ edukazzjoni u sahha tal-minuri.

5. Tordna illi l-manteniment hawn ordnat jitnaqqas mis-salarju tal-konvenut u mhallas direttament lill-attrici.

6. Tordna li l-manteniment hawn ordnat jibqa’ jithallas anke jekk il-minuri taghlaq tmintax-il sena fl-eventwalita’ li tibqa’ tistudja full-time. Sakemm tibqa’ tirrisjedi mal-omm jithallas lill-omm. Fl-eventwalita’ li ma tibqax tirrisjedi mal-omm jithallas lill-bint, bla

pregudizzju ghad-dritt tal-bint illi tiehu passi ghar-revizjoni tar-rata ta’ manteniment pagabbli.

Bl-ispejjez fic-cirkostanzi jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet stante li mhux it-talbiet attrici kollha gew akkolti.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------